MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 7

27 ta' Novembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.33pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Alex Mangion.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha e-mail b'apoloġija tas-Sur Alex Mangion.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 6 ġew approvati.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 *FierAmbjent*

Is-Sur Cordina irringrazzja lil Dr. Ralph Cassar, lill-istaff kollu u qal li ghalkemm kien imsiefer xorta kien qed jidħol kultant minn fuq il-camera jara x'inhu jsir. Hu kompla jgħid li din kienet suċċess u li jħeġġeġ lil kulħadd jibqa' jaħdem ħalli jekk possibbli attivitajiet bħal dawn jitkabbru. Dr. Martin Musumeci qal li jaqbel perfettament u kollox kien suċċess inkluż il-*lectures*. Is-Sur Cassar xtaq jirringrazzja pubblikament lil kull min għin b'mod volontarju *Friends of the Earth*, lil Dr. Helen Portelli, Prof. Susan Piscopo.

Is-Sinjorina Nicole Portelli daħlet f'dan il-mument 05.36pm.

Is-Sur Cassar qal li n-nies biex jibbukkjaw għal xi ħaġa *ci voule* imma punt pożittiv kien li min attenda qagħad hemm għas-sezzjonijiet. Is-Sur Cordina, Cassar u Musumeċi iddiskutew il-PR u qalu li s-sena d-dieħla forsi ssir iktar promozzjoni minn qabel forsi anke bi Press Release.

Is-Sur Cordina reġa' rringrazzja lil kulħadd.

7.3.2 *Uffiċċini Ġodda*

Is-Sur Cordina ta rendikont fuq l-Uffiċċini u dawwar xi ritratti tax-xogħolijiet li tlestew fosthom xi aluminju, lift twaħħlu l-bibien ukoll, blinds etc. Qal li qed jispera li sal-aħħar ta' Diċembru jkunu lesti minn kollox biex jibqa' biss id-dawl u l-għamara.

7.3.3 ATHE LEVEL 6 Certificate in Project Management

Is-Sur Cordina qal li hemm kors li hu xtaq jibgħat lis-Segretarju Eżekuttiv għalih liema kors jiswa €1695 li jrid jiġi mħallas mill-Kunsill imma eventwalment 70% tiegħu jiġi

rifuż lura taħt il-*Get Qualified.* Is-Segretarju Eżekuttiv apparti li qalet li din hi opportunità siewja għaliha biex tkun intiża fuq il-proġetti, speċifikat li l-kors jiġi rifuż taħt il-*Get Qualified* permezz ta' taxxa lura li tidħol fil-kont tagħha li mbagħad hi tirrifondi lura lill-Kunsill.

7.3.4 Convenience shop fi Triq il-Mosta

Is-Sur Cordina qal li fl-opinjoni tiegħu dan il-Convenience Shop qatt ma kien postu hemm minħabba l-fatt li qed joħloq ħafna inkonvenjent permezz ta' parking illegali tal-vannijiet li qasmu x-xogħol f' dan il-ħanut. L-inkonvenjent qed ikompli permezz ta' dawk li jmorru jixtru mill-ħanut u jipparkjaw il-vetturi tagħhom bl-addoċċ, l-iktar waqt il-ħin tal-iskola. Hu kompla jgħid li għalkemm ġiet approvata *unloading bay* u *fifteen minute timed parking* il-Malti nafu kif inhu, jipparkja fuqha bl-addoċċ u naturalment min jiġi jixtri ma jsibx fejn jipparkja bil-konsegwenza li kulħadd jipparkja bl-addoċċ u n-nies ikollhom jinżlu l-bankina f'nofs ta' triq.

Hu suġġerixxa li bl-approvazzjoni ta' Transport Malta jew isiru bollards tal-plastik biex ma jipparkja ħadd fuq il-bankina jew issir surveillanance camera. Qal li kellu telefonata mingħand Perit li għandu kuntatti mal-Lesa, li jaħdem mal-Gvern, li ma xtaqx isemmi ismu li għamel kuntatt mal-Lesa rigward din il-camera. Kompla jgħid li jaqbel li jkun hemm l-ordni imma li ma jkunx hemm l-abbuż. Hu fakkar meta saret il-*camera* ta' ħdejn il-browns fejn kienet qed issir vendikazzjoni minn dawk il-parents li kienu qegħdin iwaqqfu it-tfal l-iskola u jingħataw ċitazzjonijiet bl-addoċċ. Jekk il-*camera* tiġi konċentrata biss fuq l-area ta' ħdejn il-Convenience iva imma bqija mhux se jaċċetta li ssir camera.

Kulħadd qabel basta jekk issir *camera* din tkun diretta lejn il-The Convenience Shop biss. Dan ġie maqbul flimkien mal-opzjoni li jsiru bollards ukoll wkoll u kollox isir bil-miktub.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Dr. Ralph Cassar

- Saqsa fuq il-finanzjament tal-iskema ta' xogħlijiet ta' Triq Santa Katerina. S'issa għad m' hemmx risposta.
- Saqsa fuq Triq Victor Vassallo sabiex crossings ikunu *raised.* Hu saqsa jekk hux se jsiru xi tip ta' traffic calming measures. Irribatta li fl-opinjoni tiegħu fi 50 km/hr huma ħafna għal din iż-żona partikolari u jifilħu 30km jew 40km. Is-Sur Cordina qal li fuq raised zebra crossing m'hemmx oġġezzjoni imma li dawn ma sarux minħabba l-ilmijiet tat-toroq. Is-Sur Cordina kompla jgħid li l-iskematika tat-triq fil-fatt qed taħdem għax kontra dak li qalu residenti m'għadx hemm dawk il-karozzi li jsuqu vera bi speed qawwi.
- Qal li l-konok għadhom ma sarux u li ta' ħdejn Triq il-Prinjoli għad jonqosha ħafna ħamrija.

- Staqsa jekk il-kuntrattur juża xi velenu minħabba li residenza innutat li kien hemm xi qniefed mejtin. Hu qal hi ovvjament jekk ħa jintuża xi tip jew forma ta' pestiċida ikun hemm il-permess għalih imma kemm jista' jkun dawn jiġu evitati. Is-Sur Cordina qal li kien tkixxef u li preżentement mhu qed jintuża xejn lanqas ir-*round up.* Is-Sur Cordina qal li mhu qed jintuża l-ebda tip ta' pestiċida għax kien għamilha ċara appuntu anki mal-kuntrattur li jekk jimirdu jew imutu xi klieb jew qtates responsabbiltà tkun kompletament tiegħu. Fil-fatt is-Sindku semma' każ partikolari fejn intefa' xi velenu fi Pjazza Gwann Pawlu II appuntu biex jinqatlu xi qtates minn xi residenti.
- Saqsa fuq il-U bends li kien hemm quddiem Triq il-Qiegħa.

7.4.2 Dr. Martin Musumeci

- Saqsa fuq *speeding deterrent* fi Triq il-Pitkali bhal *raised zebra crossing*. Is-Sur Cordina qal li diġà hemm waħda imma jekk fil-każ għandu f'moħħu xi oħra jistgħu jitolbu permess biex issir raised. Dr. Musumeci qal li kemm ilu li tlestiet il-biċċa ta' fuq din saret trakka minn ħdejn Santa Katerina sa Ta' Qali. Qal ukoll li n-naħa ta' Santa Katerina u l-Pjazza ukoll ma hemmx lil min itellef kif ukoll in-naħa ta' fuq ma joqgħodux nies għalhekk m'hemmx id-detriment tal-istorbju u tista' ssir waħda wkoll. Sur Cordina qal li se ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta.

7.4.3 Sur Remigio Bartolo

- Fakkar fuq il-yellow lines quddiem il-garaxxijiet fi Triq Victor Vassallo.
- Qal li Tal-Grow10Trees wrew ix-xewqa li jinżergħu iktar siġar. Sur Cassar qal li l-kuntrattur li hemm bħalissa fuq il-ġonna jidher li hu ferm aħjar fit-tisqija minn dawk ta' qablu l-inqas minn dak li jiftakar meta kien fil-Kunsill qabel.
- Tkellem fuq il-possibiltà ta' ġemellaġġ ma' Brembana flimkien mas-Sur Ray Cuschieri u jekk isiru xi tip ta' spejjeż dawn ikunu għalihom. Sur Cordina qal li jekk ikun hemm xi tip ta' ikliet dawn isiru mar-rappreżentant mill-Kunsill u mhux imur il-Kunsill kollu biex jiġu frankati l-ispejjeż.

7.4.4 Is-Sur John Bonnici

- Saqsa fuq il-laqgħa mal-iżviluppaturi ta' wara l-iskola. Is-Sur Cordina qal li s'issa m'hemm xejn imma waslulhom xi *concerns* li kellhom u qalu li ħa jikkunsidrawhom fosthom il-parkeġġ. Dr. Musumeci qal li kollha jibdew tajjeb jaħsbu fir-residenti u l-parkeġġ u mbagħad ninsew il-problema li tkun ġiet kreata. Is-Sur Cordina qal li huma jafu li l-Kunsill hu kontra imma jekk dawn jingħataw il-permess mill-mitluf tieħu li tista'. Fil-fatt Sur Paul Ciantar qal li speċifikament staqsewhom jekk il-parkeġġ tagħhom jistax jintuża mir-residenti biex juruhom li l-prijorità huma r-residenti. Is-Sur Cordina qal li għalhekk hu *patti chiari amicizia lunga* għax ġaladarba oġġezzjoni ħa jibqa' joġġezzjona u għalkemm saru ħafna oġġezzjonijiet u simili ta' din is-sitwazzjoni hemm dik tal-

Pama zgur li l-lokalità se tibbenefika minn somma kbira ta' flus li biha jistgħu isiru diversi proġetti. Is-Sur Cordina semma wkoll li kien hemm xi *fresh drawings* taż-żona tal-isports complex fi Triq Durumblat

- Saqsa fuq il-viżita ta' kortesija mal-President. Is-Sur Bartolo qal li appuntament se jingħata f'Jannar minħabba li bħalissa għandha ħafna appuntamenti fosthom impenji tal-Community Chest Fund Foundation

7.4.5 Sur Paul Ciantar

- Qal li attenda konferenza stampa mill-Onorevoli Ministru Jo Etienne Abela u l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli fejn tħabbar li skont il-baġit se jingħataw 4.2 miljuni sabiex jitqassmu lill-Kunsilli Lokali u jgħinu taħt l-iskema tal-Mental Health. Hu kompla jgħid li kull min japplika se jingħata ħlas għas-servizz mogħti imma mhux għall-post minn fejn dan jingħata. Qal ukoll li ovvjament li kull min japplika se jingħata imma li mhux kulħadd se japplika u iktar minn hekk il-problema li jara hija li dawn huma każijiet vera sensittivi u għaldaqstant jeħtieġu diskrezzjoni mhux kulħadd jieħu pjaċir jattendi għal dawn is-sezzjonijiet f'postijiet bħala eżempju l-Uffiċċju tal-Kunsill. Fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard tista' tintuża l-Berġa. Kull skema jkollha l-*guidelines* u jekk jippreparaw ruħhom tista' tintefa' l-applikazzjoni bħalma ġara fil-każ ta'Vjal Kulħadd meta ġiet biex tiġi sottomessa kienet ġa lesta l-applikazzjoni kollha.

## 7.5 Rapporti

### 7.5.1 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju – Settembru 2024

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan ir-rapport qed iżżid id-deficit tal-Kunsill b' €71,000 u dan hu dovut għad-deprezzament tal-art ta' Ġnien l-istazzjon li magħdud ma' dak ta' qabel €37,000 iġib it-total ta' deprezzament mill-bidu tas-sena għal €138,000. B'żieda ma' dan kien hemm deprezzament ta' proġetti kapitali oħrajn. Żidiet oħra jinkludu xogħlijiet fuq it-toroq minħabba li spiċċa l-perjodu sajfi u daħlet ix-xitwa, prattikament it-tindif tal-*culverts.* Is-Sur Cordina semma speċifikament dawk ta' Triq Kananea li wara li tlesta x-xogħol ghaddew f'idejn il-Kunsill u dan qed jiġri b' kull triq li ssir ġdida ġewwa Ħ'Attard. Din iż-żieda ammontat għal €15,000. Kien hemm żieda wkoll fuq is-servizzi professjonali peress li dawn ġew kapitalizzati mal-proġetti. Spiża oħra kienet dik tal-Community Driver Service minħabba li żdiedet l-ispiża tax-xufier tal-vann.

Għalkemm żdiet id-deficit l-FSI ma tantx varja wisq. F'dan il-kwart tas-sena ddaħlet ukoll l-ispiża tal-art li tammonta għal €303,000 wara li sar arranġament bejn il-kuntrattur u l-bank biex jitħallas €7100 fix-xahar b'dawn jitħallsu direttament f'kont bankarju attaposta.

Dr. Cassar qal li għalkemm l-ispiża hija vera kbira u se titħallas fis-snin xi ħaġa pożittiva hi li dan il-ġnien qed jintuża u allura qed tiggwadanja minnu l-komunità kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-vantaġġ u ħaġa pożittiva li tara minn dawn it-tip ta' proġetti hija li hemm proġett ta' miljun ewro li qed jintuża u li iktar minn hekk kien hemm miri li riedu jintlaħqu, meta ġew sottomessi r-rapporti fuq il-platform tal-EU u dawn intlaħqu fix-xahar ta' Settembru.

Qalet ukoll li x-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien il-Palma beda imma mhux ċar jekk dan hux ħa jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru u allura l-ispiża jaf ma tittiħidx kollha din is-sena. Qalet ukoll li waqt site visit mal-kuntrattur irrealizzaw li l-ammonti fil-BOQ huma dawk tal-ġnien kollu filwaqt li PA Permit ikopri biss nofs il-Ġnien. Hi kompliet tgħid li l-kwantitajiet imdaħħlin fit-tender possibilment ikopru l-ġnien kollu. Jekk pero' dan mhux il-każ ikolla ssir applikazzjoni oħra l-PA minħabba li x-xogħolijiet jaslu mill-latrini sal-gate tal-iskola tan-nofs. Dr. Musumeci saqsa jekk dan kienx intiż li jsir hekk? Is-SE qalet li fil-bidu l-ispiża tal-ġnien kienet €470,000 u allura ġie deċiż li jinqasam f'żewġ fażijiet. Li ġara hu li saret l-applikazzjoni fuq l-ewwel fażi imma meta ħarġet it-tender ħarġet il-BOQ tal-ġnien kollu.

Dr. Caruana staqsiet meta ntalab il-fondi għalxiex intalab? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-funding intalab għal ġnien sħiħ. Dr Cassar qal li tista' ssir Development Notice jekk il-biċċa li fadal ma tinkorporax tibdil imma rranġar biss.

Dan ir-rapport ġie approvat.

## 7.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

7.6.1 *Attività Mixegħla tas-Siġra*

Is-Sur Cordina qal li kollox jinsab lest għal din l-attività fis-sens li l-*band* qed tikkorda mas-Sinjura Farrugia, saret rikjesta għas-sound mill-*band* u hu kkuntatja *soundman*, se jitpoġġa palk żgħir, is-siġra u dwal tat-toroq kważi lesti u l-istaff qed jieħu ħsieb iservi xi ikel, *mulled wine,* imbuljuta, kafè, te u kokodina. Ġie suġġerit li tkompli l-kampanja *bring your own cup.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se jkun hemm Father Christmas u l-fotografu se jieħu ħsieb jipprintja ritratti dak il-ħin stess. Is-Sur Cordina qal li b' differenza il-flus mir-ritratti tal-Christmas Father se jmorru għall-Community Chest Fund Foundation.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala attivitajiet fadal żewġ workshops Doqqu Doqqu Milied Hieni mis-Sur Reno Saliba u il-Bazaar liema ġbir kollu jsir kull sena b'risq il-Hospice.

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

7.7.1 Proponent: Dr. Martin Musumeci Sekondant: Paul Ciantar

L-iskeda ġiet approvata.

## 7.8 Mozzjonijiet; u

7.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 7.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.28pm u ġiet aġġornata għat-18 ta' Diċembru 2024 fil-5.30pm

Konfermati illum, 18 ta' Diċembru 2024.

IFFIRMATA

Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA

Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv